## 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 27

IL-ĦAMIS 23 TA' OTTUBRU 2014 FIS-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

## PREZENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-seduta no 26 ġew moqrija u approvati uninament fejn wara ġew iffirmati mis-Sindku Max Zammit u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna d-Direttur ta' lis-Smart Light fejn taw spjegazzjoni lill-Kunsill is-sitwazzjoni tad-dwal li huma kienu installaw bis-sistema solari sabiex jintużaw bħala Polican Lights ġewwa it-Triq Prinċipessa Margerita.

Is-Sindku Max Zammit qal li il-Kunsill ma kienx soddisfatt b'dawn ix-xogħlijiet li għamlu u sar qbil li l-kuntrattur għandhom jaraw li dawn id-dwal jaħdmu kif suppost, mill-aktar fiss possibli.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is–Sindku Max Zammit qal li peress li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace kien laħaq assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, huwa ma setax jibqa aktar l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' Ta' Xbiex, u għaldaqstant id-Dipartiment irrikomanda lill-Kunsill sabiex jibgħat lis-Sur Matthew Dimech bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' Ta' Xbiex, li fil-preżent is-Sur Matthew Dimech qiegħed iservi bħala Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill ta' Ta' Sliema.

Il-Kunsill reġa uninament ikkonferma li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul J Pace għandu jingħata it- 10% *performance bonus* ghax-xoghol li wettaq sakemm dam Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku Max Zammit staqsa jekk hemmx xi oġġezzjonijiet għal din in-nomina, il-Kunsill qabel uninament mal-proposta tad-Dipartiment, li s-Sur Matthew Dimech jinħatar l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill għandu jinforma lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex dawn ikunu jistgħu imexxu ħalli s-Sur Matthew Dimech jigi maħtur l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kemm jista' jkun malajr.

2.2 Is-Sindku Max Zammit qal li l-Kunsill kien ħareg it-Tender tal-Life Streaming bl-ispesifikazzjonijiet meħtiega kif ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Din it-Tender ġiet ippublikata l-Erbgħa 29 ta' Ottubru 2014 u tagħlaq il-Ġimgħa 28 ta' Novembru 2014.

2.3 Is-Sindku Max Zammit qal ukoll li l-Kunsill ħareġ it-Tender Embellishment li ġiet ippublikata l-Erbgha 15 ta' Ottubru 2014 u tagħlaq it-Tnejn 17 ta' Novembru 2014.

2.4 Is-Sindku Max Zammit tkellem rigward it-Triq tal-Knisja sabiex kemm is-Sibtijiet filgħaxija u l-Ħdud waqt il-ħin tal-quddies tiġi *one-way.*

Saret diskussjoni li sar qbil li qabel ma jsir xi tibdil il-Kunsill għandu jitkellem mar-residenza ta' l-inħawi u jekk jsir qbil li għandha ssir *one-way* kif indikata hawn fuq, qabel ma jagħmel dan il-Kunsill jikteb lil Transport Malta sabiex jingħata l-approvazzjoni meħtieġa.

2.5 Is-Sindku Max Zammit qal li ħeġġeġ lil Kunsillier Eugenio Muscat ħalli jara minn fejn jinġiebu il-pjanti sabiex il-Kunsill ikun jista japplika għal xogħlijiet li għandhom bżonn issiru fi Triq ir-Rampa.

2.6 Is-Sindku Max Zammit qal li għandu korrispondenza mibgħuta mid-Direttur ta' Cleansing Department fejn dawn se jwaħħlu bins ġodda matul ix-xatt, kif ukoll tkellem rigward il-bins l-oħra fejn dawn se jinqalgħu u jiġu propjeta tal-Kunsill.

2.7 Is-Sindku Max Zammit qal li hu flimkien mal-Kunsillier Frank Roe kienu marru għas-seminar ECAD, huwa qal li dan is-seminar kien ta' utilita' kbira u fejn spjega kif kienu jagħmlu sabiex ċittadini jirriformaw ruħhom mid-droga.

2.8 Is-Sindku Max Zammit qal li kien għamel arranġamenti mal-korp tal-pulizija sabiex jintabtu xi inmates ħalli jkunu jistgħu jagħmlu xogħlijiet volontarju ġewwa Ta' Xbiex, fosthom xi ħadd ikun jista' jieħu ħsieb il-Librerija.

2.9 Is-Sindku Max Zammit qal li l-ġimgħa dieħla se jkun hawn ġewwa Ta' Xbiex il-Wardens li se jagħmlu furzar kbir. Ingħataw xi ismijiet ta' Toroq fejn dawn il Green Wardens jagħtu prijorita'.

2.10 Is-Sindku Max Zammit qal li l-Kunsill għandu jkellem lill-kuntrattur Simon Sammut sabiex dan jiġi jirranġa l-Kurduna tal-bankina ta' Triq il-Watar.

## 3 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Sindku Max Zammit ressaq għal approvazzjoni l-lista tal-ħlasijiet ta' pagamenti li l-Kunsill għandu japprovaw.

Il-Kunsill approva l-pagamenti, barra pagament numru 31 JF Mallia li jammonta €900.90c, liem ammont is-Sindku Max Zammit raħ aċċessiv. Is-Sindku Max Zammit qal lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul J Pace sabiex ikellem lil kuntrattur sabiex dan iraħħas dan il-kont.

Għaldaqstant din il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Max Zammit, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul J Pace, il-Kunsillier Eugenio Muscat u l-Kunsillier Ronald Portelli.

## 4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Tony Castelletti qal id-dawl tal-funtana qed ikun mixgħul kmieni filgħodu, u sar qbil sabiex il-Kunsill jirranġa t-timing ta' l-arloġġ, u meta l-arloġġ tat-timer ikun se jigi irranġat, għandu jkun hemm żewġ persuni mill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jaraw kif għandu jittranġa dan it-timer, ħalli l-Kunsill mhux kull darba ikollu jqabbad lil xi ħadd barrani, li jiswiħ il-flus sabiex dan it-timer jiġi rranġat.

4.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal ġewwa Triq Ambassy Way hemm arblu perikoluż li daqt jaqa' sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb jara kif dan għandu jitranġa.

4.3 Il-Kunsillier Tony Castelletti qal li l-Bus Stop ta' ħdejn Antoinette Vassallo (X-Sindku), għandhu jinkines mas-soft area peress li kien hemm xi ħġieġ mal-art. Is-Sur Tony Castelletti tkellem ukoll fuq gabana li qeda tarma ftit l-isfel mil-Mamma Mia Restaurant fejn dawn qed iħallu ċertu ħmieg speċjalment bil-kaxxi li qed jiġu mormija fuq il-bankina.

4.4 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa jekk il-panneli li ġew installati fi Blokk E1 humiex qegħdin jagħtu l-units tad-dawl kif suppost.

Is-Sindku Max Zammit qal lill-Kunsill għandu iċempel lill-Kuntrattur Bajada New Energy sabiex ikellem lill-Inġinier ħalli jiċċekja jekk dawn il-paneli humiex imqabbda mal-grid.

4.5 Il-Kunsillier Tony Castelletti tkellem fuq Jum Ta' Xbiex fejn qal li tkellem mal- Cultural Institute fejn dawn lesti jaħdmu sabiex jagħtu lill-Kunsill xi tip ta' għajnuna għal dan il-jum.

4.6 Is-Sindku Max Zammit tkellem dwar il-party tal –Milied għal anzjani.

4.7 Is-Sindku Sur Max Zammit qal lill-Kunsillier Tony Castelletti kien talab għal informazzjoni (Data) fuq businesses lill-NSO, fejn dawn bagħtu informazzjoni li ma kinitx mitluba mill-Kunsill u li xorta l-Kunsill rċieva kont għal din id-data. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace qal li kien tiġa għamel kuntatt mall-NSO sabiex dan il-kont jiġi mħassar, fejn l-NSO irrikomandat l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace sabiex jagħmel kuntatt mas-Sinjura Cathrene Vella sabiex dan il-kont jiġi mħassar.

4.8 Is-Sindku Max Zammit tkellem fuq il-Korsijiet tal-Lingwi lill-Kunsill għandu jorganizza parti mill-ftehjiem ta' Ġemellaġ li għandu jagħmel il-Kunsill. Huwa qal li għandhom jinġiebu l-prezzijiet ta' dawn il-Korsijiet.

Is-Sindku Max Zammmit qal sabiex issir kuntatt ma Dr. Malcom Borg ħalli mill-aktar fiss possibli issiru l-applikazzjonijiet għal Ġemellaġi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex dawn wara jiġu approvati mill-Ministru tal-Gvern Lokali. Is-Sindku se jkun qed jagħmel kuntatt ma Dr. Malcom Borg fuq din l-*issue.*

4.9 Il-Vici Sindku Ronald Portelli qal li l-*bus shelters* jiġu *maintained* sabiex isirielhom il-*maintenance* kollu li hemm bżonn. Huwa qal li sa l-aħħar ta' Ottubru 2014 Transport Malta għandha tibgħat xi nies sabiex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet.

4.10 i) Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal lill-Kunsill għandu jikteb lil Transport Malta sabiex issir spazzju ta' parkeġġ riservat għan-nies bil-bżonnijiet speċjali quddiem il-Kunsill.

ii) Il-Kunsill Eugenio Muscat qal li rrimarka li hemm ħafna toqob fi Triq ir-Rampa ta' Ta' Xbiex biex jiġu irranġati.

iii)Huwa qal sabiex il-Kunsill japplika ghad-dawl fuq ir-Rampa, quddiem Triq Mons Alfredo Mifsud.

iv) Huwa qal ukoll li fejn l-iskips qed ikun hemm ħafna ħmieġ u għaldaqstant il-Kunsill għandu jara li dan il-ħmieġ għandu jitneħħa.

4.11 Il-Laqgħa spiċċat fit- 7.45 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 21 ta’ Novembru 2014

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv